# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

## SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 78

**22 ta' Jannar, 2019**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fis-sitta ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Frank Roe - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Matthew Dimech – Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Local Government of Ta' Xbiex, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, MALTA, EUROPE
Tel:00356 21338844  Fax: 00356 21338877 email: taxbiex.lc@gov.mt

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

### 78.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

**78.1.1** **Kulħadd kien preżenti għal-laqgħa u għaldaqstant ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.**

### 78.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

**78.2.1** **77.3.3 – F Roe propona li minflok il-kliem 'Kunsillier R Portelli' tiġi 'Il-Viċi-Sindku'.**

**77.5.2 – L Cachia Castelletti talbet korrezzjonijiet kif ġej:**
**'Is-Sindku qal li bil-kontra, din ġiet diskussa u anke approvata fl-aħħar laqgħa. L Cachia Castelletti u G Muscat sostnew li din ma ġietx approvata, u filfatt konna għadna niddiskutu min għandu jiġi mistieden.'**

**"Huma qalu illi għalkemm l-ilmenti jistgħu ikunu ġustifikati, dan ma jnaqqasx….'**

**G Muscat propona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif koreġuti. Il-Viċi-Sindku ssekonda. Il-minuti ġew approvati mill-Kunsill Lokali.**

### 78.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;

**78.3.1** **Is-Sindku talab kjarifika fuq pagament numru 12.**

**78.3.2** **Is-Sindku qal li dwar pagament nru. 50, dan mhux il-*magazine* imma l-kalendarju.**

**78.3.3** **G Muscat saqsa dwar Nru 63. Is-Sindku qal dak għandna arranġament miegħu biex jgħamel *marketing* fuq *retainer* u li din l-ispiza hija skond l-*agreement*.**

**F Roe propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. L Cachia Castelletti issekondat. Il-pagamenti tal-kontijiet ġew approvati.**

### 78.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**78.4.1** **Il-Kunsill kellu qbil unanimu li s-Sur Jeffrey Bezzina jibda jaħdem *overtime* ukoll peress li zdied ix-xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalita'.**

**78.4.2** **Is-Sindku qal li l-attivita' tal-Milied kienet tajba ħafna u kuntent ħafna biha. Il-Kunsill qabel.**

**78.4.3** **Is-Sindku qal li l-Gimgħa rċivejna mill-Awtorita tad-Djar li għada ser ssir *Press Conference* fejn iħabbru li ser jiġu iffirmati l-kuntratti mal-Blokkok għall-manutenzjoni tal-komun.**

**Is-Sindku qal li l-Blokki mgħazula mil-istess awtorita' huma – D1, D4, A1, C5, A5, E2.**

## 78.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet Tal-Kunsilliera;

**78.5.1** **G Muscat propona li wara l-Block E1, jekk issa ser ngħamlu l-fjuri u l-klieb ma jħamġux, ma hemmx għalfejn ngħamlu spejjes ta' *fence*.**

**78.5.2** **G Muscat qal li z-*zebra crossing* ta' Triq Abate Rigord qegħda bla dawl. R Portelli qal li infurmat li saru dalgħodu.**

**78.5.3** **G Muscat qal li hemm bzonn isir poġġaman ma Block C5. Is-Sindku qal li din taqa' mal-iskema tal-Awtorita tad-Djar li ħa niffirmaw għada. Il-Kunsill qabel li isir.**

**78.5.4** **G Muscat fakkar biex ssir *follow up* biex tisewwa l-funtana tal-Marina mill-Works Department.**

**78.5.5** **G Muscat qal li fi Triq Sir Ugo Mifsud, fejn Ferdinand Flats, hemm il-parkeġġ wisq viċin ta' garaxx u ma jistgħax joħroġ mill-garaxx sew.**

**78.5.6** **G Muscat talab nistaqsu kif suppost huma il-one ways fi Triq Antonio Nani u Sir Augustus Bartolo ma Transport Malta.**

## 78.6 Performance Appraisals 2018;

**78.6.1** **Il-Kunsill iddiskuta u propona illi l-ħaddiema klerikali, s-Sin. Anna Micallef u s-Sin. Yasmine Tonna, jieħdu il-*full performance bonus* ta' 6%. Il-Kunsill qabel ukoll illi s-Sur Aris Fenech jieħu 4%.**

## 78.7 Librerija;

**78.7.1** **Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-pagamenti relatati mal-Iskema tal-Libreriji. Il-Kunsill Lokali approva l-ispejjes li saru f'dan ir- rigward.**

## 78.8 Messina;

**78.8.1** **Is-Sindku semma li ġejja l-konferenza li jmiss tal-ECAD li ser issir f'Odessa, l-Ukrajina. Is-Sindku propona li issa jmiss lil G Muscat biex jitla jirraprezenta lill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali qal li s-Sindku għandu jitla ukoll. Il-Kunsill qabel.**

78.8.2 Is-Sindku qal illi għandna stedina għal Messina fil-31 ta' Jannar 2019. Din ser tkun tinkludi diskussjonijiet fuq l-INTERREG Malta-Sicilia, u għaldaqstant din ser tkun tinvolvi ħafna xogħol. Is-Sindku propona li jitla miegħu xi persuna li għandu esperjenza fuq EU funding. Is-Sindku propona l-konsulent tar-Reġjun fuq EU funding. Il-Kunsill qabel, filwaqt li ġie maqbul ukoll li titla L Louise Castelletti.

## 78.9 Ġemellaġi;

78.9.1 Is-Sindku propona li fil-vizita li kellha ssir fi zmien il-Milied ta' Rocca Santo Stefano, issa nitilgħu viċin Marzu l-Kunsill kollu. Il-Kunsill qabel.

78.9.2 Is-Sindku qal li r-Reġjun offra l-possibilta' li isir ġemelaġġ ma' lokalita mill-Bulgarija. Is-Sindku qal li għandna nikkunsidraw dan il-ġemelaġġ peress li jaf ikun hemm possibilta ta' fondi għal proġetti flimkien.

## 78.10 Karnival;

78.10.1 Il-Kunsill qabel li ssir attivita' tal-Karnival nhar it-Tnejn 4 ta' Marzu. Is-Sindku qal li għandna ngħamlu dik id-dgħajsa karru. Il-Kunsill qabel li izid il-*budget* ta' din l-attivita'.

G Muscat qal li rridu nitkellmu sew fuq il-ħinijiet tal-attivita' sabiex ikollna attendenza tajba.

## 78.11.1 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

78.11.1 F Roe saqsa li għala ser idum xahar ix-xogħol ta' Triq Sir Temi Zammit. Il-Kunsill ser jghati l-kuntatti ta' *Infrastructure Malta* u l-Kappillan biex jikowordinaw funerali jew tiġijiet.

78.11.2 F Roe talab biex il-Kunsill jiċċekja l-għala l-iBins ma iddaħlux fl-injam.

## 78.12 Rapporti mill-Kunsilliera;

78.12.1 L Cachia Castelletti saqsiet jekk għandniex nibdew naħsbu għall-attivita' *Connecting Through Cultures.* Il-Kunsill qabel li jibdew il-preparamenti.

78.12.2 F Roe qal li l-*Maltapost* biddlu l-*letter box* ta' fuq ir-rampa. G Muscat qal li kellimhom diġa u dik ser tiġi lura għax ħaduha għal manutenzjoni.

## 78.13 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir it-Tlieta 22 ta' Jannar, 2019 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**78.13.1 Il-laqgħa intemmet fid-disgħa ta' filgħaxija.**

**Konfermati, illum 22 ta' Jannar 2019.**

| | |
|---|---|
| **_IFFIRMATA___** | **___IFFIRMATA______** |
| **Max Zammit** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |